# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Il-Ħamis, 18 ta’ Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Fr Franklin Micallef

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 2.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Ħadd ma kien assenti u talab li jiġi skużat.

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Irċevejna il-kwotazzjoni mingħand Terracore Limited ta’ Eur 84,694.50 sabiex isir xogħol ta’ boltijiet biex jissaħħaħ is-sies ta’ fejn waqgħet it-triq fi Triq Għajn Tuta.

3.3.2 Din il-kwotazzjoni ntbgħatet lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar għall-approvazzjoni tal-fondi.

3.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nbidlu l-batteriji tal-AEDs li għandna f’Ta’ Kerċem u Santa Luċija.

3.3.4 Irċevejna l-bilanċ ta’ fondi li kien baqa’ li nieħdu fuq il-van tal-komunita’ mir-Reġjun t’Għawdex. Is-somma hija ta’ Eur5,190.

3.3.5 L-Awtorita’ tal-Ippjanar infurmatna illi l-ittra li l-Kunsill Lokali bagħat fuq PA/04941/20 ma tistax tiġi aċċettata minħabba li ż-żmien għar-rappreżentazzjonijiet għalaq.

3.3.6 Il-Pulizija ġibdu l-attenzjoni illi l-marki u sinjali taż-zebra crossing li hemm quddiem iċ-Ċentru fi Triq l-Avukat A Calleja mhumiex biżżejjed u għalhekk tlabna lil TM sabiex jidderiġuna kif għandhom jiġu. TM bgħatulna l-pjanta u l-Kunsill ser jimxi mas-suġġerimenti ta’ TM.

3.3.7 Tlabna stima għal Site Technical Officer għall-proġett ta’ Qasam San Ġorġ. Ing. Charlon Grima tana stima ta’ Eur500 apparti xogħolijiet extra li jistgħu jinqalgħu. Ser naħdmu bis-servizzi tiegħu.

3.3.8 Is-Sindku għarraf lill-membri illi minn issa ‘l quddiem, il-permessi tal-caravans ser jibda japprovahom id-DLG permezz ta’ Notifika Legali ġdida.

3.3.9 L-offerta KCM/03/2024 – Supply, Delivery and Installation of CCTV system across the locality għalqet, infetħu l-offerti u qed tiġi evalwata mill-bord.

3.3.10 L-offerta KCM/04/2024 – Upgrading of public convenience at Gnien il-Familja, kellha tingħalaq għax ma ntefgħux offerti. Ġie deċiż li l-offerta terġa’ toħroġ.
Is-Sindku qal li l-AKL qed terġa’ toffri l-Group Life Policy għal kull Kunsillier. Ġie deċiż li napplikaw għaliha.

3.3.11 Dwar il-ħaddiema tal-Community Workers Scheme, is-Sindku stqarr li ħadulna

ħaddiem mill-Kunsill għalkemm il-kuntratt li hemm bejn il-Kunsilli u l-AKL jgħid li trasferimenti m'għandhomx isiru. Is-Sindku, b'dispjaċir, semma dan il-każ fejn l-Operations Manager ta' District Operations Ltd, is-Sur Joseph Abdilla, ċempel lis-Sindku u qallu li hu bħala Sindku mhu xejn għax il-ħaddiem huwa ħaddiem tal-CWS. Is-Sindku qal li Abdilla uża kliem arroganti miegħu u fil-fatt qabad u neħħa l-ħaddiem mingħajr ma tana replacement tiegħu.

3.3.12 Is-Sindku ppreżenta l-kwotazzjonijiet fuq kisi għall-ġibjun tal-Għadira. Ser nagħtu x-xogħol lill-irħas wieħed.

3.3.13 Dwar ittra li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand resident minn Santa Luċija dwar is-sitwazzjoni tat-toroq, is-Sindku qal l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn aktar milli għamel s'issa iżda ser nibqgħu niġġieldu biex titranġa r-rotta alternattiva.

3.3.14 Ir-Reġjun t'Għawdex qed jerġa' jorganizza ġimgħa attivitajiet għal żgħażagħ mill-Ukrajna fejn kull Kunsill Lokali se jorganizzalhom xi ħaġa matul ġurnata partikulari. Il-Kunsill qabel li jieħu ġurnata u jaħseb għal xi ħaġa.

3.3.15 Dwar l-iskema tas-sqaqien talbuna sabiex nagħtu prijorita' dwar sqaq minn ieħor. Għalhekk għażilna illi l-Kunsill jagħti l-ewwel prijorita' lil Sqaq fi Triq it-Torri.

3.3.16 Is-Sindku qara t-talbiet li waslu mingħand xi għaqdiet tal-lokalita' għal żmien il-festa. Dawn kienu hekk:

- Talba mill-Kumitat tal-Festa sabiex jitħallsu l-kantanti għal Eur350 għal festa tfal u talba għal għajnuna oħra għall-ikla tal-festa.
- Talba mill-Għaqda Mużikali San Girgor sabiex jitħallas is-sound ta' Eur600 għall-programm tal-festa;
- Talba mill-Kummissjoni Marċi Brijużi Kerċem fejn qed jitolbu li jitħallas is-sound għall-Ħamis tal-festa.
- Talba oħra mill-Għaqda tan-Nar Kercem sabiex jitħallas is-sound tax-show tan-nar tas-Sibt.

Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet fid-dettal. Is-Sindku spjega illi fil-fehma tiegħu huwa mportanti ħafna li tingħata għajnuna lill-għaqdiet tar-raħal iżda mhux b'dan il-mod. Huwa qal li t-Eur350 ta' festa tfal għandhom jitħallsu mill-Kunsill peress li diġa' kienu jitħallsu mis-sena l-oħra, kienu diġa' mwegħdin u fil-fehma tiegħu tajjeb li l-Kunsill ikun qed jagħmel parti mill-festa tat-tfal. L-istess għas-Eur600 tal-Għaqda Mużikali San Girgor, peress li dawn kienu diġa' jingħataw ta' kull sena u mwegħdin. Madanakollu, fuq it-talbiet l-oħrajn, huwa jħoss li l-Kunsill għandu jgħin matul is-sena, bħalma diġa' għamel matul is-snin, u mhux qisu qed jagħmel il-festa hu. Matul is-sena jkun hemm ħafna opportunitajiet fejn l-għaqdiet ikunu jistgħu jagħtu sehemhom u jitħallsu tax-xogħol li jkunu għamlu u b'hekk ikunu qed idaħħlu fondi żejda li jkunu ta' benefiċċju għalihom. Eżempju ta' dan huma, il-Kercem Ajax ser jibbenefikaw mill-iskema Clean up the World, u l-għaqdiet ser ikunu qed jibbenefikaw mill-attivitajiet tal-Milied. L-Għaqda Nar u Armar Santa Lucija tibbenefika fis-Symphony of lights permezz ta' servizzi li joffru lill-Kunsill Lokali. Din il-materja ġiet diskussa bejn il-membri tal-Kunsill u finalment id-deċiżjoni kienet illi l-Kunsill ħa jgħin matul is-sena fl-attivitajiet li jiġu organizzati minnu.

3.3.17 Hawnhekk wasal Fr Franklin Micallef fejn ġie milqugħ mis-Sindku u l-Kunsilliera, u

dawn awgurawlu għas-saċerdozju tiegħu. Huwa ġie ppreżentat rigal ta' tifkira minn naħa tal-Kunsill Lokali.

## 3.4 Cat Feeders Scheme 2024

Is-SE spjegat li ħarġet l-iskema tal-Cat Feeders u l-Kunsill qabel li napplikaw għaliha.

## 3.5 Festa 2024

Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill jiltaqa' mal-Għaqdiet kollha tar-raħal f'laqgħa waħda sabiex jiġi diskuss kif il-Kunsill jista' jgħin kemm fil-festa u anke matul is-sena kif ġie deċiż aktar 'l fuq fil-laqgħa. Sar qbil li jsir hekk.

## 3.6 Symphony of lights u Fjakkolata 2024

Is-SE spjegat illi l-Fjakkolata ser taħbat fit-13 ta' Ottubru u s-Symphony of lights fit-18 ta' Ottubru 2024. Il-Kunsill qabel li jagħmel pjan u japplika bħas-soltu.

## 3.7 Attivita' tal-24 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill iddiskuta ftit punti dwar l-attivita' li ser issir fl-24 ta' Awwissu fi Triq Qasam San Ġorġ. Is-Sindku ssuġġerixxa li tissemma 'Għad-Dell tal-Akwadott' u kulħadd qabel ma' dan. Ġie diskuss li nitkellmu mal-Għaqdiet sabiex min irid jarma bar bl-ikel u xorb tal-għażla tagħhom, iżda dan jiġi diskuss aħjar fil-laqgħa li se ssir magħhom.

## 3.8 SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Dwar din l-iskema il-Kunsill Lokali ddeċieda illi japplika għall-parti minn Triq Kercem fejn qegħda l-aktar ħażina. Il-Perit diġa' bagħtilna kwotazzjoni ta' madwar Eur45,000 u l-Kunsill qed jaqbel illi jekk tiġi approvata din l-iskema, il-Kunsill jagħmel ix-xogħolijiet u jħallas id-differenza.

## 3.9 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

Peress li l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ issa ħadet il-post ta' Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għal persuna ġdida.

## 3.10 Ilmenti u Suġġerimenti

3.10.1 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li nagħmlu s-CCTV ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

Ħadd ma sab oġġezzjoni.

3.10.2 Il-Kunsillier Frankie Attard talab dawn li ġejjin:

- Refreshing ta' double yellow line ta' metru fi Triq Qasam San Pawl mar-residenza 'St Margaret';
- Double yellow line ma' naħa waħda tar-rampa tal-garaxx ma' residenza fi Triq Klula;
- Sabiex issir bankina ġdida fi Triq Kerċem. Is-SE qalet li din konna diġa' applikajna għaliha ma' TM fil-passat iżda ser tiċċekkja x'ġara dwarha.

3.10.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab dawn li ġejjin:

- Jitranġa fanal fi Triq San Girgor;
- Ġebel imwaqqa' fi Sqaq Xirfi biex jitranġa;
- Bankina fi Triq Qasam San Pawl biex isir il-ħalib tal-madum;
- Bankina fi Triq Santa Luċija sabiex jitranġa xi madum li għandha maqlugħ.

3.10.4 Il-Viċi Sindku Abigail Micallef talbet sabiex jitranġa ċint fejn Ġnien il-Familja għax qed jinqala.

3.10.5 Il-Kunsillier Horace Vella semma t-tabella ta' 'No heavy vehicles' li hemm fi Triq Qasam San Ġorġ peress li mhix qegħda tiġi osservata u qed jipparkjaw it-trailers il-kbar u taħt dan is-sit hemm xi ġibjun ukoll. Ġie deċiż illi nitkellmu ma' TM dwar x'jista' jsir.

## 3.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 3.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.30pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Awwissu, 2024 fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv